MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 818/2002

**TCV Services Company Limited.**

**-vs-**

**Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Victor Bugeja, b'digriet tas-16 t'Awissu, 2002 nhatru kuraturi deputati biex jirrapresentaw lill-assenti Lorry, Frederick maghruf bhala Freddie, Tania u William James Gatt, nominati b'digriet.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-17 ta' Lulju 2002 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenuti huma proprjetarji ta’ dodecisima (1/12) parti indivisa nuda proprjeta’ tad-dirett dominju temporanju u cens relativ ta’ LM110 fis-sena ghaz-zmien li fadal minn 99 sena li bdew jiddekorru fit-2 ta’ Gunju 1954 impost il-fond numru tnejn u hamsin (52), Old Theatre Street, il-Belt, Valletta u l-proprjeta’ libera u franka tal-fond wara l-iskadenza tal-imsemmi terminu, liema kwota indivisa giet imhollija lill-konvenuti minn Maria Assunta mart il-P.L. Guze’ Diacono fit-Testment Unica Charta li hija ghamlet fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani tat-28 ta’ April 1982 u li mietet fit-13 ta’ Awissu 1985.

Illi s-socjeta’ attrici hija proprjetarja tar-rimanenti hdax minn tnax (11/12) parti indivisa fi proprjeta’ assoluta tal-istess fond u ghandha d-dritt ta’ uzufrutt fuq ir-rimanenti kwota ta’ 1/12 indivisa appartenenti lill-konvenuti kif qabel spjegat, kif ukoll ghandha d-dritt ta’ konsegwiment tal-imsemmi cens annwu u temporanju ta’ Lm110 fis-sena ghaz-zmien li fadal minn 99 sena li bdew jiddekorru fit-2 ta’ Gunju 1954 impost il-fond numru 52, Old Theatre Street, il-Belt, Valletta kif qabel spjegat, liema fond jinsab fil-pussess tas-socjeta’ attrici u qed jintuza bhala ufficcju taghha u tas-socjetajiet taghha.

Illi s-socjeta’ attrici ma tridx tibqa’ izjed fi stat ta’ komunjoni mal-konvenuti u l-fond in kwistjoni mhux komodament divisibbli.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-fond in kwistjoni ma hux komodament divissibli.

2. Tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tad-dirett dominju temporanju u cens relativ ta’ Lm110 fis-sena ghaz-zmien li fadal minn 99 sena li bdew jiddekorru fit-2 ta’ Gunju 1954 impost il-fond numru tnejn u hamsin (52), Old Theatre

Street, il-Belt, Valletta fuq imsemmi u l-proprjeta' libera u franka tal-fond wara l-iskadenza tal-imsemmi terminu taht l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei, wara stima ta' perit nominand biex il-prezz rikavat jinqasam bejn il-partijiet skond il-partecipazzjoni taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Dr. David Tonna I.D. 659956(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet pprezentata fl-24 ta' Ottubru 2002 li permezz taghha l-konvenuti eccepew:

Illi huma m'humiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar 'l quddiem.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-relazzjoni peritali u l-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2004 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-atturi qed jitolbu l-bejgh in licitazzjoni tad-dirett dominju u c-cens relattiv ghaz-zmien li baqa' minn disgha u disghin (99) sena illi bdew jiddekorru fl-1954 tal-fond 52, Old Theatre Street, il-Belt, u l-proprjeta' libera u franka wara l-iskadenza ta' dan it-terminu.

Jidher mid-deskrizzjoni tal-perit tekniku illi l-fond m'huwiex komodament divisibbli u l-valur tieghu hu ta' disghin elf lira (Lm90,000) li l-Qorti ser tadotta bhala stima.

Ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ishma tal-partijiet.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-proprjeta' fuq imsemmija, bl-ammissjoni ta' oblaturi estranji, u li l-istima tal-AIC Albert Borg Costanza ta' disghin elf (Lm90,000) tkun dik rikjesta mil-Ligi ghal dan il-bejgh u li l-prezz rikavat jinqasam kwantu ghal hdax (11) minn tnax-il (12) parti lill-atturi u r-rimanenti dodicesima (1/12) parti lill-konvenuti bejnithom f'ishma indaqs.**

**L-ispejjes in kwantu ghal hdax (11) minn tnax-il (12) parti jigu sopportati mill-atturi u l-bqija mill-konvenuti bejnithom f'ishma indaqs.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------